# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum it-Tnejn 7 ta' Marzu, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs.**

**Noel Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Noel Formosa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 26867M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Jannar, 2007, u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jghamel jew li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-eskuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe' lil Miriam Genius;

2. Bil-hsieb li jghamel hsara lil Miriam Genius, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha;
3. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu l'quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra (Miriam Genius), bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;
4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Miriam Genius, wegghaha b'kitba mxandra jew esposta fil-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Miriam Genius u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tghamel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-2 ta' Novembru, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien jahdem bhala nurse fl-Orthopaedic Outpatients Department, u bhala kap tieghu kellu lil parte civile n-nurse Miriam Genius, ghalkemm mill-provi prodotti mhux car jekk meta gara l-incident Miriam Genius kienitx diga lahqet kap tad-dipartiment.
2. L-imputut jghid li hu bniedem religjuz u kien ilu 30 sena jifforma parti minn Kommunita Neokatekuminali.
3. L-imputat jghid li fl-2007, waqt il-break, nurse ohra, certa Dorothy Bonnici infurmatu li kienet harget tqila minghajr ma kienet ippjanat it-tqala, u li meta qalet b'dan lill-parte civile Miriam Genius, din issuggeritilha li tmur taghmel abbort Sqallija. Fl-istqarrija tieghu,[1] l-imputat jghid li Bonnici qalet dan id-diskors iktar minn darba u kien qed isir hafna paroli fuq l-abort fid-dipartiment.[2]
4. L-imputat ippreokkupa hafna ruhu, u ried jara kif jista' jirrimedja. Ghalhekk hu qal lis-superjur tieghu Helen Zammit b'dak li kienet qatlu Bonnici.
5. Helen Zammit qaltlu li din kienet allegazzjoni serja u kienet se tkellem lis-superjur taghha id-Direttur Emanuel Bezzina, kif fil-fatt ghamlet.
6. Id-Direttur Emanuel Bezzina sejjah lill-imputat fil-prezenza ta' Helen Zammit, u qallu li biex ikun jista' jinvestiga, l-imputat irid jaghmillu rapport bil-miktub, u jekk mill-investigazzjoni l-allegazzjonijiet tal-imputat ma jirrizultawx, jehel kollox l-imputat.
7. Rinfaccat b'din is-sitwazzjoni, l-imputat kellem lil Fr. Paul Zammit, u qallu bis-sitwazzjoni, u dan issugerilu, li ladarba ma wasalx mas-superjuri tieghu, b'xi mod "konfidenzjali" jitlob lill-awtoritajiet jaghmlu investigazzjoni.
8. L-imputat iddecieda li jikteb lill-Ministru tas-Sahha b'mod anonimu, ghax il-Ministru jigi superjur tas-Sur Bezzina. L-imputat kitiblu hekk:

   *"Dear Mr Deguara,*

   *It is not my habit to write letters without giving my details. I assure you that I have always assumed responsibility for all my claims. However I have been asked to write to you this letter and inform you anonymously of this particular problem by a priest during confession. This is about what is going on at the Orthopaedic Out Patients by one of the nurses.*

   *I am aware that Mrs M. Genius, who if I am not mistaken is now taking care of the Orthopaedic outpatients department is offering abortion services in Sicily. I believe*

[1] Ara fol. 15 tal-process.
[2] Ara fol. 18 tal-process.

*that this is not only unethical, but also illegal in Malta. This situation has happened more than once. I am sure that if you ask about this to those working with her, under oath, someone will surely talk about what they might know (or the abortion services that they are offered) about this situation.*

*I hope that for the respect of the unborn children, this letter is considered as of utmost importance.*

*Thank you."*[3]

9. Konsegwenza ta' din l-ittra saret investigazzjoni interna fid-dipartiment tal-orthopaedic outpatients unit, immexxija mill-avukat tad-dipartiment, Dottor Brigitte Gafa u d-Direttur Bezzina, fejn l-impjegati gew mitluba jaghmlu dikjarazzjoni minghajr gurament, b'sett ta' domandi identici, dwar it-tmexxija tal-parte civile Miriam Genius u jekk kienx hemm xi problemi fid-dipartiment.
10. Fid-dikjarazzjoni tieghu,[4] l-imputat qal li in generali kellu relazzjoni tajba mal-parte civile. Dwar il-kompartament taghhha huwa qal li *"A lot is said by others, but I never saw anything myself."* Dwar jekk kienx hemm xi problemi fid-dipartiment huwa wiegeb *"I am not happy working in OOP because Ms. Genius thinks that I am trying to cause her problems, but this is not true."* Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid li hu xtaq jelabora fuq dak li kien qal fl-istatement, pero Dottor Gafa ma hallitux, ghax qaltlu li hi riedet biss twegiba ghal mistoqsijiet.[5]
11. Hlief b'eccezzjoni ta' nurse wahda, il-haddiema kollha tad-dipartiment, inkluz Dorothy Bonnici, li wkoll xhedu f'dawn il-proceduri, cahdu li semghu xi diskors dwar abbort fid-dipartiment, inkluz diskors minghand il-parte civile. Pero in-Nurse Eugenia Pace xehdet li semghet xi ghajdut fl-ahhar sena u nofs jew sentejn qabel xehdet, dwar xi abbort, pero kienet vaga hafna, u imbaghad kompliet tixhed billi qalet li fid-dikjarazzjoni taghha fl-investigazzjoni interna qalet li ma semghet xejn u li l-ewwel darba li semghet dwar l-ghajdut kien mid-Direttur taghha.[6]
12. Il-Prosekuzzjoni gabet prova ta' ittri anonimi ohra fil-konfront tal-parte civile, li kienu intbaghtu qabel lid-dipartiment, izda l-imputat cahad li kellu x'jaqsam ma' dawn l-ittri l-ohra, u l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li l-ittri anonimi l-ohra kien kitibhom l-imputat.

---

[3] Ara Dok RA4 a fol 21 tal-process.
[4] A fol. 40 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 174 tal-process.
[6] Ara fol. 92 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputat hu akkuzat b'erba' imputazzjonijiet, u l-Qorti sejra tanalizzahom wiehed wiehed.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Ingurja, theddid jew offiza fuq Persuna inkarigata minn Servizz Pubbliku (Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali)*

Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar**, deciza fit-12 ta' Dicembru 1936,[7] biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg taht l-Artikolu 95 (dak iz-zmien 94) tal-Kodici Kriminali *" ... ... hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu fil-waqt li dana jkun fl-att tas-servizz, "officio durante vel contemplatione officii". ... ...*

*Illi huwa anki rekwizit ta' dana d-delitt li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza tal-ufficjal jew kif jinghad, "De visu"; altrimenti ma hemmx "oltraggio", imma ingurja komuni, kif ghallmet din l-istess Qorti, sedenti l-Prim Imhallef Sir Giuseppe Carbone, fil-kawza "Polizia vs Arcicovich" maqtugha fis-17 ta' Novembru 1909, u l-Cassazione Roma 12. 2. 1892 (Rep. Conti. art. 194, para 112);*

*Illi hemm bzonn imbaghad iz-zewg rekwiziti ta' kull delitt, cioe l-element materjali u l-element morali. L-element materjali jikkonsisti fi kliem jew atti ingurjuzi; l-element morali jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.*

*Illi hemm kazijiet li fihom l-element morali, cioe l-"animus injuriandi", jigi prezunt, u dan jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirrijeni, fl-assenza ta' prova konvincenti li ghaliha dawk il-kliem ikunu diretti tkun ingurjata. ... ..."*

Pero, din is-sentenza tkompli tghid li jekk pero il-kliem ma jkunx *per se* u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, *"ma hemmx lok ghal ebda presunzjoni ta' dolo, u ghandha ssir kwindi mill-Prosekuzzjoni l-prova illi l-hsieb tal-imputat kien li joffendi lill dak l-ufficcjal fl-unur u d-*

---

[7] Vol. XXIX-IV-593.

*dekor tieghu billi jesponih ghad-disprezz, inaqqaslu giehu, iwegghu b'diskorsu jew inaqslu l-istima u r-reputazzjoni. ... ... (K)if espremit ruhha l-gurisprudenza Taljana a propozitu ta' dan d-delitt, "l'animo di ingiuriare e il dolo specifico del delitto di oltraggio" (rep. Conti, idem, para 171). Il-ligi, kif qalet dina l-Qorti, preseduta mill-Imhalef Dr. Giovanni Pullicino, in re "Camilleri utrinque" maqtugha fit-23 t'April 1913, ma tammettix il-figura tal-ingurja kolpuza."* (ara fl-istess sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[8] deciza fis-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**).

Applikat dan l-insenjament, ghall-fatti specje tal-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ippruvat li l-parte civile Miriam Genius hija ufficjal pubbliku, bix-xhieda tal-parte civile stess, tad-direttur Emanuel Bezzina, tax-xhud Helen Zammit u ta' Dottor Brigitte Gafa, l-avukat tad-dipartiment.

Dwar it-tieni rekwisit, l-allegat kliem ingurjuz la ntqalu waqt li l-parte civile kienet fl-att tas-servizz u lanqas *de viso* lilha. L-imputat ma kitibx lill-parte civile izda kiteb lill-Ministru tas-Sahha. Ghalhekk dan it-tieni rekwizit ma jissustixxix.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn fil-konsiderazzjoni ta' din l-ewwel imputazzjoni, pero ghal ragunijiet ta' pratticita se tikkunsidra wkoll it-tielet rekwizit u cioe li l-ittra inkitbet bl-*animus injuriandi*. Dan huwa l-iktar punt dibattibli bejn iz-zewg kontendenti. Il-Prosekuzzjoni u l-parti civile jikkontendu li l-imputat kellu l-*animus injuriandi* ghaliex fl-ewwel lok kiteb ittra anonima lil Ministru u fit-tieni lok fl-istess ittra jghidlu *"I am aware* that Ms. Genius ... ... is offering abortion services in Sicily." (sottolinear ta' din il-Qorti), u mhux li terzi persuna kienet qaltlu li l-parte civile kienet issuggeritilha taghmel abort Sqallija.

Dwar l-ewwel sottomissjoni, l-imputat xehed li hu kien ha l-parir ta' Fr. Paul Zammit u ghalhekk kiteb ittra anonima. Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu Fr. Paul Zammit jghid li hu ta parir lill-imputat jaghmel ir-rapport tieghu b'mod "konfidenzjali". Issa l-kelma "konfidenzjali" xi tfisser tista' taghti lok ghal diversi interpretazzjonijiet. Kif qal l-istess Fr. Paul Zammit, in-nies ukoll icemplu lil pulizija b'mod konfidenzjali – u cioe bl-intiza li ma jinkixfux. Issa huwa facli, ghal persuna ordinarja li titfixkel il-kelma "konfidenzjali" mal-kelma "anonima". Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk *"Jiena jidhirli li hemm*

[8] *Per* Imhallef V. De Gaetano

*telefon li huwa anonimu sabiex tavza fuq affarijiet illegali u ma kontx naf li qieghed naghmel xi haga hazina."*[9] Ghalhekk, din il-Qorti ma jistghax ma jkollhiex dubbju ragonevoli li l-imputat genwinament ha zball u fehem erronjament li l-kelma "konfidenzjali" tfisser "anonimu". Dan iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li l-imputat ma ddejjaq xejn jirrapporta dak li sema' li qalet lis-superjur tieghu Helen Zammit u lid-Direttur Emanuel Bezzina.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq it-tieni sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni u l-parte civile, li bil-kliem *"I am aware"*, l-imputat ghamel akkuza cara lill-parte civile biex jingurjaha. Huwa vera, li l-imputat seta' facilment uza kliem aktar felici u veritier fis-sens li hu kien sema' minghand terzi li l-parte civile kienet qed tissugerixxi lil nisa tqal jaghmlu abort Sqallija. Pero din il-frazi, trid bil-fors tigi kkunsidrata fil-kumpless kollu tal-provi. Mill-provi akkwiziti, ma rrizultax li – apparti l-allegazzjoni tad-diskors dwar l-abbort – l-imputat kien qed izomm xi haga f'qalbu kontra l-parte civile. Hadd mill-impjegati l-ohra fid-dipartiment, u lanqas il-parte civile stess ma qalet, li kien hemm xi disgwid bejniethom. Fid-dikjarazzjoni tieghu fl-investigazzjoni interna tad-dipartiment, l-imputat fahhar l-isforzi tal-parte civile bhala l-kap tal-clinic biex timmiljora s-sitwazzjoni tal-haddiema fl-istess clinic u qal ukoll li meta kellu problemi personali hija ghenitu. Fil-fatt f'din id-dikjarazzjoni qaghad attent u mistoqsi dwar il-komportament taghha, hu wiegeb hekk *"A lot is said by others, but I never saw anything myself."*[10] Kliem li ma jindikaw l-ebda animu negattiv tal-imputat versu l-parte civile.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li dik l-ittra li kiteb lill-Ministru kitibha biex jaghmel il-gid, minhabba l-paroli li kien qed isir fuq il-parte civile dwar l-abbort. Hu rraporta lis-superjuri tieghu tal-Isptar biex il-kaz jigi investigat u jghid testwalment hekk *"Jiena ghidtilhom ahjar jinvestigaw milli nispiccaw fuq xi gazzetta jew television."*[11] Pero l-awtoritajiet tal-isptar ma ghamlux l-investigazzjoni li l-imputat xtaq li issir, u kien ghalhekk li rega' ikkonsulta lil Fr. Paul Zammit.

Huwa sinifikanti li Fr. Paul Zammit – li incidentalment l-imputat ma kienx qallu min kienet il-persuna li allegatament qed tissugerixxi l-aborti – spicca x-xhieda tieghu hekk: *"Hu l-intenzjoni tieghu* (tal-imputat) *kienet li jekk dawn l-affarijiet qed jigru jieqfu. Daqshekk.*

[9] Ara fol. 18 tal-process.
[10] Ara fol. 40 tal-process.
[11] Ara fol. 18 tal-process.

*Mill-bidu sal-ahhar, jien la naf l-isptar kif jahdem. Min-naha tieghu, qatt ma qalli isem ta' dak u tal-iehor, ma nafx kien tabib jew min kien, imma semplicement li kien hemm persuna qed taghmel dan. Qisu hemm sitwazzjoni rregolari li trid tirranga ruhha. Dik kienet l-idea tieghu. Iktar kienet kwistjoni qisha ta' kuxjenza li ried jahdem fuqha biex ghalih ghall-inqas ikun ghamel il-parti tieghu. Hekk fhimtha jien.".*[12]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti hija moralment konvinta, li minkejja l-kliem infelici li uza l-imputat fl-ittra tieghu, l-intenzjoni tieghu ma kienitx li jingurja lill-parte civile imma li l-Ministru jaghmel investigazzjoni, biex jekk il-parte civile vera kienet qed taghmel dak li qalu terzi tieqaf, u jekk jirrizulta fin-negattiv, jieqfu l-ghajdut tal-haddiema l-ohra fid-dipartiment. Fil-fatt, l-imputat ma talabx lill-Ministru jiehu passi kriminali kontra l-parte civile, imma talbu jkellem lill-impjegati l-ohra tad-dipartiment, ghax kien probabbli li xi impjegat meta jkun taht gurament, jghid dwar dak li jaf dwar is-sitwazzjoni – kif fil-fatt ghamlet ix-xhud Eugenia Pace f'dawn il-proceduri. Ghalhekk, fil-verita, l-imputat talab lill-Ministru jaghmel investigazzjoni fuq dak li kien sema' u l-ghajdut li kien hemm, u xejn aktar. Konsegwentement, il-Qorti hija moralment konvinta, li l-imputat ma kitibx l-ittra lill-Ministru bl-*animo injuriandi* fil-konfront tal-parte civile.

Ghaldaqstant, l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-ewwel imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

## *2. It-Tieni Imputazzjoni – Ir-Reat ta' Kalunnja (Artikolu 101(1) tal-Kodici Kriminali)*

L-imputat huwa wkoll akkuzat bir-reat li bil-hsieb li jghamel hsara lil Miriam Genius, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha.

Fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Law**, **Prof. Anthony Mamo** jghid hekk fuq dan ir-reat:[13]

*"The constituent elements of this crime are three:*

*(i) Accusation of an offence made to a competent authority;*

[12] Ara fol. 203 tal-process.
[13] Ara fol. 52.

*(ii) Intent to harm the person accused;*

*(iii) Knowledge on the part of the accuser of the innocence of the person accused."*

Rigward l-ewwel rekwizit tar-reat tal-kalunja, kif definit mil-ligi, hu li l-akkuza trid issir lill-Korp tal-Pulizija, ghax huwa l-korp li jinvestiga reati u jipprocedi kriminalment fejn jirrizultalu ksur tal-ligi. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Triza Grima**, deciza fid-29 ta' Marzu 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[14] irriteniet hekk:

*"Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, kliem bhal dan li ntqal biss fil-prezenza ta' zewg funzjonarji tac-civil, sia pure impjegati fl-ufficcju tal-Prim Ministru, ma jammontax ghar-reat kontemplat fl-artikolu 101 li fuqu hija msejjsa t-tieni imputazzjoni. Il-koncett ta' awtorita kompetenti ma ghandux jigi mgebbed u stirrikkjat biex jiftiehm li jkopri anki funzjonarji tal-Gvern f'dipartimenti u dikasteri ohra li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-Pulizija Ezekuttiva. .... ...*

*Dan il-kaz hu toto coelo differenti ghax l-akkuza saret bisss fil-prezenza ta' zewg impjegati f'dikasteru differenti minn dak li hu responsabbli ghall-Korp tal-Pulizija, li wara kollox hu l-korp li jinvestiga reati u jipprocedi kriminalment fejn jirrizultalu ksur tal-ligi. U ma jirrizultax li la Bartolo u lanqas Mangion ghandhom xi funzjoni jew poter specjali oltre dawk li ghandhom ic-cittadini ordinarji fir-rigward. Il-fatt li huma mbaghad ghaddew il-kaz f'idejn il-Kummissarju ma jirrendihomx awtorita kompetenti ghax kull cittadin ordinarji seta' jaghmel bhalhom u jirraporta allegat reat."*[15]

Fit-tieni lok, dan l-ewwel rekwizit jezigi li l-akkuza falza trid bil-fors tkun wahda ta' reat. **Il-Prof. Mamo** jghid hekk:[16]

*"The false accusation ade to the competent authority must be of an <u>offence</u>: that is to say it must refer to a fact which has the character of a criminal wrong, be it even only a contravention. The reason for this is easy to find. It is ony when a fact is attributed to a person which the law chracterises as a <u>criminal offence</u> that the competent authority may be moved to institute proceedings against the person accused and it is only in such case that*

---

[14] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

[15] Ara fl-istess sens **Raffaele Said v Antonio Callus** deciza mill-Qorti Kriminali (*per* Imhallef Sir A. Bartolo) fit-8 ta' Jannar 1936 (Vol. XXIX-IV-487); **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) (*per* Imhallef William Harding) fis-7 ta' Novembru 1949.

[16] Ara fol 53.

*such person may be exposed to injury through misdirected instrumentality of penal justice. If therefore, the fact does not constitute a criminal offence, however morally reprehensible, mischievious or injurious to character or reputation it may be, this first element of the crime of calumnious accusation fails. The imputation of such fact may, in appropriate circumstances constitute slander or defamation ... ...*

*In Criminal Appeal "Police vs Giuseppe Attard" 7.11.1950, Mr. Justice Montanaro held that, in so far as the accusation ade is not in respect of an <u>offence which can give rise to the exercise of a criminal action before the Courts of Criminal jurisdiction</u>, a charge of calumnious accusation fails, even though the fact falsely attributed to the victim may expose him to disciplinary action and the infliction of punishment by authorities other than the Criminal Courts ... ..."* (sottolinear tal-awtur).

Issa fil-kaz odjern, l-imputat baghat l-ittra tieghu lill-Ministru tas-Sahha u mhux lill-Pulizija Ezekuttiva, u ghalhekk ghal din ir-raguni biss, din it-tieni imputazzjoni ma tistghax treggi fil-konfront tal-imputat.

Fi kwalunkwe kaz, l-imputat qed jallega li l-parte civile tat parir lil terza persuna biex taghmel abbort Sqallija. Issa huwa notorju li l-abbort fi Sqallija huwa legali, u kien ghalhekk li l-imputat kien inkwetat. Pero, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, anke jekk wiehed ghall-grazzja tal-argument biss jghid li l-parte civile veru tat dak il-parir lil terza persuna – dak is-semplici parir ma jikkostitwixxix reat kriminali taht il-ligi Maltija. Kif diga intqal iktar il'fuq, fis-sentenza fuq citata, il-fatt li forsi setghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontra l-parte civile taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi Maltija, xorta ma jaqax fid-definizzjoni ta' kalunja stabbbilita mil-ligi.

Konsegwentement, dan l-ewwel rekwizit tar-reat ta' kalunja, kif ravvizat fil-ligi, ma giex ippruvat.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni, pero, ghal kompletazza ha tikkunsidra t-tieni u t-tielet rekwiziti ukoll.

It-tieni rekwizit tar-reat ta' kalunja huwa l-intenzjoni tal-imputat li jikkaguna dannu lill-parte civile. Dwar dan ir-rekwizit, il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-ewwel

imputazzjoni, u ghall-istess ragunijiet tikkonkludi li dan ir-rekwizit ma giex pruvat mill-Prosekuzzjoni. In oltre, il-**Prof. Mamo** jghid hekk fuq dan ir-rekwizit:[17] *"The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Nowithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him.*

It-tielet rekwizit hu li l-imputat meta ghamel id-denunzja kien qed jirreferi ghal kommissjoni ta' reat li l-imputat kient jaf lid-denunjata kienet innocenti. Il-**Prof. Mamo** jghid hekk:[18] *"The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be* <u>*certain*</u>*, so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation. The mere falsity in fact of the imputation without such knowledge is not sufficient because, as we have already said, such falsity may be involuntary and not therefore malicious, as in the case of an informer who imputes an offence to a persun whom he, in truth, believes to be guilty."*[19] (sottolinear tal-awtur)

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, inkluzi dawk fuq l-intenzjoni tal-imputat fl-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni lanqas irnexxielha tipprova it-tieni imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

<u>*It-Tielet Imputazzjoni – Holqien Qarrieqi ta' Provi Foloz (Artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali*</u>

It-tielet imputazzjoni kontra l-imputat hija illi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu l'quddiem jiswew

[17] Ara fol. 54.
[18] Ara fol. 55 tal-process.
[19] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs George Borg**, deciza fil-5 ta' Frar 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef V. De Gaetano.)

bi prova kontra persuna ohra (Miriam Genius), bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs David Mizzi**, deciza fis-16 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[20] irriteniet hekk fuq dan l-Artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali:
*"Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali u dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-Artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm, fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemmm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomma jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi nnocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji <u>materjali</u> bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Issa fil-kaz odjern, ghar-ragunijiet gia spjegati aktar il'-fuq, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, l-imputat ma kitibx l-ittra ghal ragunijiet malizzjuzi. Fit-tieni lok, certament li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li apparti li kiteb l-ittra, l-imputat holoq xi tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn jintuzaw kontra l-parte civile.

Konsegwentement, din it-tielet imputazzjoni ukoll ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

<u>*Ir-Raba' Imputazzjoni – Ingurja (Artikolu 252(3) tal-Kodici Kriminali)*</u>

Ir-raba' imputazzjoni kontra l-imputat hi li bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Miriam Genius, weggaghha b'kitba mxandra jew esposta fil-pubbliku.

[20] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci**, deciza fit-3 ta' Settembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[21] qalet hekk: *"... ... (M)a hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqarr fuq bazi ta' probabbilita') li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltragga, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-animus injuriandi.*[22] *... ... L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor), jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hsara ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja."*

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet taghha fir-rigward jekk l-imputat kellux *animus injuriandi* o meno, fil-kuntest tal-ewwel imputazzjoni. Din il-Qorti terga' tirribadixxi, li fl-opinjoni konsiderata taghha, l-imputat ma kellhux *animus injuriandi* fil-konfront tal-parte civile, izda kif qal Fr. Paul Zammit ghalih din kienet kwistjoni ta' kuxjenza li ried jahdem fuqha biex ghalih ghall-inqas ikun ghamel il-parti tieghu sabiex din il-kwistjoni tigi investigata mill-awtoritajiet kompetenti, biex jekk l-ghajdut li kien qed jisma' hu kienu foloz, jieqfu. Jekk min-naha l-ohra, jirrizulta li l-ghajdut kienu fondati, il-parte civile tigi mwaqqfa milli tkompli tati suggerimenti lil terzi biex imorru jaghmlu abort Sqallija. Mill-provi rrizulta li l-imputat m'huwiex kattoliku tal-isem, imma kattoliku prattikanti hafna. L-abbort imur direttament kontra r-religjon kattolika, u l-kuxjenza tieghu gieghlitu jagixxi, biex jekk l-allegazzjonijiet li kienu saru fuq il-parti civile jirrizultaw veri, dawn jieqfu minnufih, u jekk jirrizultaw infondati, allura jieqaf l-ghajdut fuqha.

**Konkluzjoni**

[21] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

[22] Ara **Francesco Cascun v. Rev. Sac. Charles Vella**, Appell Kriminali, 13 ta' Mejju 1961.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**